**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IL-SEBA' LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 64 – IT-TLIETA, 29 TA' MARZU 2016 FIS-5.45PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| Rita Saliba | Kunsillier |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| Joan Farrugia | Kunsillier |
| Mikhail Micallef | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| Malcolm Abdilla | Kunsillier |
| Trevor Fenech | Kunsillier |
| Neville Mallia | Kunsillier |

Assenti

| | |
|---|---|
| Miguel Galea Sillato | Ambaxxatur |

## 1 Approvazzjoni Minuti Numru 61

1.1 Kien hemm korrezzjoni waħda. Għandha tidħol "Kif kien" fil-bidu tat-tielet sentenza ta' Paragrafu Nru 6.1.

1.2 Is-Sur Etienne Bonello DuPuis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

## 2 Pagamenti Numru 55

2.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sinjura Joan Farrugia ssekondat. Kien hemm qbil unanimu.

## 3 Korrispondenza

3.1 Kien hemm diskussjoni fuq talba biex jitqiegħdu xi bill boards fil-lokal. Kien hemm qbil li jsir wieħed fis-soft area fi Vjal ir-Riħan kantuniera ma' Triq Bellavista, fi Triq tal-Balal, fis-soft area fi Triq Bellavista, u tnejn fi Triq tal-Ibraġ kantuniera ma' Triq tal-Balal.

3.2 Kien hemm diskussjoni fuq stimi għal CCTV camera. Għandu jintalab parir lil engineer tal-Kunsill fuq l-ispecifications.

3.3 Ġiet innutata talba għal ħsarat li saru fuq vettura fi Triq l-Istefanotis.

3.4 Kien hemm diskussjoni fuq proposta mill-NGO Make Malta Dog Friendly, biex isir Dog Park f'San Ġwann. Ġie deċiż li din issir f'Wied Għomor fl-ewwel biċċa. Il-Kunsill għandu jixtri l-materjal neċessarju biex din issir. Ġie deċiż ukoll li jsir refurbishment għal picnic area wkoll.

3.5 Kien hemm diskussjoni wkoll fuq il-cat colonies li hemm f'San Ġwann. Ġie deċiż li jitnaddfu dawn il-cat colonies u minflok jinxtraw shelters għal qtates bi ftehim mal-feeders li dawn iżommu nadif. Din għandha ssir b'kollaborazzjoni mal-NGO Animal Guardians.

**4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

.

4.1 Kien hemm diskussjoni fuq il-magazine tal-Kunsill. Il-publisher mhux qed ikollu biżejjed reklami biex noħorġu 4 edizzjonijiet fis-sena. Jekk il-Kunsill irid joħroġ 4 edizzjonijiet ser ikollu jħallas 450 Ewro għal kull edizzjoni. Ġie deċiż li jibda jitħallas dan l-ammont għal kull edizzjoni.

4.2 Ġiet innutata talba għal un/loading fi Triq Birkirkara. Ġie deċiż li din issir għal 3 sigħat kuljum mit-Tnejn sas-Sibt.

4.3 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ntilfu żewġ kawżi li l-Kunsill kellu fuq ħsarat f'vetturi meta daħlu f'potholes fit-toroq. Kien hemm qbil li ma jsirux appelli.

**5 Affarjiet Oħra**

5.1 Is-Sur Dominic Cassar tkellem fuq:

5.1.1 Talba biex issir bozza gdida fi Triq l-Adrijatkiu. Kien hemm qbil li ssir l-applikazzjoni

5.1.2 Il-Kunsill m'għandux jibqa' jagħmel xogħol għal kumpanija privata. Il-Kunsill qed iservi ta' cash office/ front office meta jaċċetta bookings għal servizzi ta' wardens TMS. Ġie deċiż li tintalab laqgħa mas-Sur Kenneth De Martino tal-Guard and Warden House.

5.1.3 Ippropona li jsiru outdoor exercise equipment f'San Ġwann. Għandha tinġabar stima ta' dawn. Għandu jiġi kkunsidrat il-masġar għal dawn.

5.1.4 Biex jiġu rranġati ċ-ċnut ta' Triq il-Fresja. Kien hemm qbil fuq stima ta' 1150 Ewro mill-kumpanija Twish.

5.1.5 Għandha tintbagħat reminder lil TM biex isiru l-linji tat-toroq Birkirkara, R Caruana Dingli, San Ġiljan u San Ġwann tal-Għorgħar.

5.1.6 Informa lill-Kunsill li TM ser tagħmel il-bankina ta' Triq l-Istefanotis li qatt ma saret.

5.2 Is-Sinjura Marica Bayliss tkellmet fuq:

5.2.1 Il-Bus Stops fi Triq il-Kappella u Taż-Żwejt. Dawn għadhom pendenti għal snin quddiem TM. Hi pproponiet li jinqalgħu. Ġie deċiż li għalissa jibgħat ittra s-Sindku lis-CEO ta' TM kif ukoll lill-Ministru.

5.2.2 Staqsiet fuq it-tenders għall-ġonna u s-siġar. Dawn għandhom joħorġu fi żmien qasir.

5.2.3 Fuq il-bankina ħdejn l-entratura taċ-Child Minding Facility. Is-Sur Cassar informa lill-Kunsill li ltaqa' mal-Perit tal-FTS u dan ikkonferma li għandha tiġi rranġata.

5.2.4 Għandha tintbagħat reminder lil TM fuq talba biex isir Disabled Parking fil-Parkeġġ ta' Ta' Żwejt.

5.2.5 Għandu jsir follow-up patching fi Triq il-Kampella quddiem il-każin tal-banda.

5.3.6 Għandha tinbagħat ittra biex tiġi restawrata l-għajn li kien hemm fi Triq l-Propostru.

5.3.7 Ġie deċiż li jitqabbad il-Perit tal-Kunsill biex issir l-applikazzjoni għal meter għall-panelli tal-Kunsill.

5.4 Is-Sinjura Joan Farrugia ressqet talba mill-Well Done biex jagħmel żewġ U Bollards quddiem il-ħanut fi Triq il-Mensija kantuniera ma' Triq Santa Margerita. Kien hemm qbil li jsiru skont il-by-law tal-Kunsill. Talbet ukoll biex jinqata' l-ħaxix mill-bitħħ tal-librerija. Kien hemm qbil.

Is-Sinjura Rita Saliba skużat ruħha mil-laqgħa fis-7.05pm

5.5 Is-Sur Mikhail Micallef tkellem fuq il-website tal-Kunsill. Kien hemm qbil li din issir.

**6 Għeluq il-Laqgħa**

6.1 Il-laqgħa spiċċat fis-7.10pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 18 ta' April 2016 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | **Etienne Bonello Du Puis**<br>**Sindku** |